# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Erica Saliba**

## Kumpilazzjoni Numru 545/2016

**Illum 25 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Erica Saliba, ta' 27 sena, bint Victor u Lugrazia nee Zammit, imwielda Pieta' nhar is-26 ta' Frar 1989, residenti gewwa l-fond Binja Gublew tal-Fidda, Ent A, Flat 1, Triq Oreste Kirkop San Gwann, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 112589(M).

Akkuzata talli nhar fix-xahara ta' Awiisu 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer ikkommettiet serq ta' tmient elef tmien mija u zewg Euro u hamsa u tmenin centezmu (€8802.85) ghad-detriment ta' Daniel Coppini u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kwalifikat bil-persuna u bil-valur li jeccedi l- elfejn tliet mija u disgha ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta'liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli:

- 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

- 261(c), 261(d), 267, 268, 279(b), 280(1) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz ta' serq ta' flus kontant a detriment ta' Daniel Coppini. Ghandu jinghad ab inizio li l-imputata tammetti li hija serqet flus, dak li huwa kontestat huwa l-ammont ta' flus misruqa fi-sens li l-prosekuzzjoni qed tallega li l-ammont misruq huwa ta' tmient elef tmien mija u zewg Euro u hamsa u tmenin centezmu (€8,802.85) fil-waqt li l-imputat tghid li hija serqet biss bejn erbgha mija (€400) u hames mitt Euro (€500).

Illi minn dak li qal Daniel Coppini fid-depozizzjonijiet tieghu jirrizulta li l-imputata kienet impjegata mieghu minn Mejju sa Awissu tas-sena 2016. Jghid li dan in-negozju kien ilu jiggestih xi tmien snin u dejjem kien mar tajjeb. F'l-ahhar ta' Mejju 2016 l-accountant gibilu l-attenzjoni li kienu qed jitilfu hafna flus u li bil-fors li kien qed jigri xi haga. Bdew jippruvaw jaghmlu verifiki billi jiehu l-X reading kull jum pero dan kien dejjem qed jaqbel mal-cash. Din is-sitwazzjoni baqghet tippersisti tant li fis-26 ta' Gunju 2016 l-accountant baghtlu email biex jinfurmah bid-diskrepanzi li kien hemm fit-turnover tal-hanut. Il-figuri ma kienux qed jaghmlu sens ghaliex ghalkemm l-istock kien qed jonqos b'l-istess rata tas-soltu, it-turnover ma baqax l-istess imma beda jonqos b'ammonti konsiderevoli.

Illi mill-provi processwali jirrizulta ukoll li fil-hanut ta' San Gwann kien hemm cash point wahda, permezz ta' sistema komupterizzata, li kienet isservi ukoll bhala "punch clock" ghall-impjegati. Kull impjgat kellu username u password u malli jidhol xoghol irid jilloggja fis-sistema u meta jispicca xoghol johrog mis-sistema. Is-sistema adoperata kienet tali li l-ircevuti u transazzjonijiet kollha kienu jigu registrati fuq l-ahhar persuna li tkun illoggjat fis-sistema. Irrizulta ukoll li filghodu kien ikun hemm aktar minn impjegat wiehed fil-hanut fil-waqt li fil-ghaxija kien ikun hemm persuna wahda biss. Fil-hin meta jkun hemm aktar minn impjegat wiehed ma kienx hemm xi distinzjoni fir-rwoli fis-sens kulhadd kien jaghmel dak li jkun hemm bzonn skond ic-cirkostanzi b'mod li f'shift wahda persuna tista'

taghmel hinijiet bhala kaxxier, hinijiet stacking, u hinjiet ohra xi xoghol iehor kif jinqala' il-bzonn. Dan kien ifisser li ghalkemm is-sistema tal-cash tkun illogjata fuq impjegat partikolari, jista' jkun li f'xi hinjiet ikun impjegat iehor li jkun qed iservi bhala kaxxier. Min jaghlaq il-cash fil-ghaxija kellu d-dover li jghamel ir-reconciliation tal-gurnata billi jghodd il-cash tal-gurnata, inaqqas il-petty cash li tkun halla mill-gurnata ta' qabel, u hekk jivverifika li t-total jaqbel maz-Z reading.

Illi jirrizulta ukoll li fis-sistema li kienet adoperata fil-hwienet ta' Coppini f'dak il-perjodu kien hemm facilita li cash sale registrata u li tkun harget ricevuta ghaliha tigi ikkancellata b'l-uzu ta dak li fil-kors ta' dawn il-proceduri issejjhet "void button"; kull cash sale hekk kancellata ma tigix inkluza fiz-Z reading. Is-sistema adoperata kienet tirregistra kull cash sale li tigi ikkancellata permezz ta' idn il-void button. Din il-facilita (l-ikkancellar ta' cash sale) hija separata u distinta mill-facilita li f'cash sale (kont) partikolari tikkancella xi transazzjoni (item) minhabba zball jew ripensament tal-klient.

Illi jidher fil-perjodu in ezami is-sistema adoperata kienet taghti access awtomatiku lil kull impjegat ghal din il-void button ghalkemm dik kellha tkun facilita li jkollhom is-supervisors biss; kien jispetta lill-operatur li jnehhi din il-facilita lill-impjegati li ma kienux supervisors. Fil-fatt kien hemm impjegati li ma kienux supervisors li ma tnehhielhomx l-access ghal void button, fosthom l-imputata, Bernard Galea (li ukoll kien jahdem fil-hanut ta' San Gwann) u Justin Spiteri (li kien driver u jqassam ix-xoghol u ghalhekk ma kienx jahdem fil-hwienet).

Illi mill-provi jirrizulta ukoll li kien hemm okkazzjoni f'Awissu, kien it-Tnejn, meta kien sar hafna bejgh. Minn kien xoghol dak in-nhar filghodu, Ritianne Zarb, iccekjat iz-Z reading meta spiccat is-shift taghha u poggiet il-cash fis-safe; it-turnover sa' dak il-hin kien €302. F'xi hin fil-ghodu naqsu iz-zghar (coins) fil-cash ghalhekk Zarb hadet sittax il-Euro mill-flus tas-sigaretti (li kienu jinzammu separatament); hi insiet terga tpoggihom qabel ma spiccat xoghol ghalhekk fil-ghaxija suppost spiccaw b'diskrepanza ta' sittax il-Euro over fir-reconciliation. L-ghada fil-ghodu Zarb ftakret f'dawk il-flus u meta ivverifikat ma'l-imputata din qaltilha li d-disprepanza li kienet sabet kienet ta' Euro u hamsa u tlettin centezmu. Wara xi granet Zarb kienet qed titkellem ma kollega taghha: Louise Pisani, u minhabba dak li kien gara it-Tnejn ta' qabel u minhabba li l-imputata kienet talbet lil Pisani biex tibdel ir-reconciliation sheet, bdew jissusspettaw. Fethu is-safe, u raw ir-reconciliation sheet tat-Tnejn ta' qabel u sabu li din kienet qed turi turnover ta' €156 meta sax-shift ta' fil-ghodu kien hemm €302. Dak in-nhar (cioe it-

Tnejn) wara Zarb kien hemm Bernard Galea xoghol u fil-ghaxija ghalqet l-imputata; Galea ukoll ikkonferma li kien hemm aktar turnover ta’ aktar minn mija sitta u hamsin Euro sal hin li kien hemm hu fil-hanut. Zarb infurmat lil administration li min-naha taghhom bdew jippruvaw jaraw x’kien qed jigri.

Illi mill-verifiki li saru rrealizzaw li z-Z reading tal-gurnata kien qed jindika li kien hemm xi cash sales maqbuza fis-sens li n-numri ta’l-ircevuti ma kienux iswgwu wahda wara l-ohra imma kien hemm numri maqbuza. Verifiki ulterjuri urew li xi hadd kien qed jikkancella cash sales (b’l-uzu tal-void button) u flus fil-cash kien qed jithalla it-total tal-cash sales li ma gewx ikkancellati biex b’hekk il-cash li jithalla kien qed jaqbel maz-Z reading tal-gurnata (li ma kienx jinkludi t-transazzjonijiet li gew ikkancellati) u l-reconciliation manwali tal-gurnata tkun taqbel. Gie konstatat ukoll li dawn il-kancellamenti saru fil-hanut ta’ San Gwann tul ix-xahar ta’ Mejju, Gunju u Lulju sal-11 ta’ Awwissu, u fil-hanut f’ Ta’ Sliema gurnata f’ Mejju, u erbghat ijiem f’ Gunju.

Illi minn verifiki ulterjuri li saru irrizulta li fil-granet li kienu qed jigu kancellati t-transazzjonijiet l-imputata dejjem kienet xoghol; aktar minn hekk gie konstata li  fil-granet li l-imputata ka menitx tkun xoghol ma kienux isiru kancellamenti. B’referenza partikolari ghall-hanut f’ Ta’ Sliema kancellamenti saru biss f’hamest ijiem u dawk kienu l-unici granet li l-immputata hadmet f’dak il-hanut ghaliex hi normalment kienet tahden San Gwann. Aktar minn hekk diversi xhedha ikkonfermaw li l-imputata kienet tinsisti li tkun hi li taghlaq il-gurnata.

Illi minbarra diversi dokumenti li jinkludu print out mis-sistma tal-cash sales li gew ikancellati f’ Gunju, Lulju u Awwissu, u  konteggi u rendikont ta’ cash sales kollha li gew kancellati minn Mejju sa’ Awwissu, gie prezentat ukoll CCTV recording. Minn dan ir-recording tidher l-imputata (wara li titlaq kollega taghha) taqbad il-calculator u ttella lista tat-transazzjonijiet, tghodd xi ricevuti, tiehu l-flus mill-cash, taqbad il-wallet u titlaq minn quddiem ic-CCTV.

Illi kif diga ntqal l-imputat mhux qed tikkontesta l-fatt li hija serqet flus mill-hanut hija pero tikkontendi li hadet biss bejn erbgha mija u hmes mitt Euro. Hija tghid li hija zgura li l-ammont li hadet kien f’dawn il-parametri ghaliex hija kellha bzonn flus biex thallas tlett kontijiet partikolari li ma kienux jammontaw aktar minn hames mitt Euro. Aktar minn hekk tghid li hi ma kenitx tikkancella cash sales imma meta kienet taghmel ir-reconciliation u kienet tigi over kienet izzomm dawk il-flus.

Ikkunsidrat

Illi huwa car li hemm kunflitt bejn il-verzjoni mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni minn-naha u il-verzjoni mghotija mill-imputata min-naha l-ohra mhux biss dwar l-ammont misruq imma anke dwar il-mod kif insterqu l-flus.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja ta'l-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwaw il-provi f'l-assjem taghhom u tasal hi ghall-konkluzjoni dwar lil minn tista temmen u f'xiex. Applikat dan il-principju ghal-kaz in ezami l-kunflitt li jezisti fil-verzjonijiet m'ghandux necessarjament iwassal ghal sejbin ta' htija biss f'dak li tammetti l-imputata.

Illi huwa principju bazilari ukoll li r-reita ta'l-imputata trid tigi pruvata mill-prosekuzzjoni 'l hemm minn kull dubbju dettat minn raguni. Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni[1]. L-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali ccitat bran minn Lord Denning:

> *Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.* [2]

Illi provi mressqa mill-prosekuzzjoni jistghu ikun diretti jew indiretti ossia indizzjarji. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li provi indizzjarji wahedhom ukoll jistghu ikunu sufficjenti biex tinstab htija ghaliex hafna drabi *fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma aktar importanti mill-provi*

[1] Ref Pulizija vs Peter Ebejer 09.12 1997
[2] Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372.

*diretti. Izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci*[3].

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, in tema ta' provi indizzjarji rriaffermat diversi drabi l-principju li:

> *circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by the undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*[4].

Illi f'dan ir-rigward pero huwa importanti ukoll dak li precizat l-istess Qorti ta' l-Appell li:

> *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other coexisting circumstances which would weaken or destroy the inference.*[5]

Illi mill-provi jirrizulta li fil-11 ta' Awwissu 2016 gew ikkancellati numru ta' cash sales. Mill-filmat mehud mic-CCTV tal-hanut ta' dak in-nhar l-imputata, wara li stenniet lill-kollega taghha titlaq mill-hanut, tidher qed taghmel xi transazzjonijiet fil-cash fil-waqt li qed tghodd bil-calculator, u eventwalment tiehu flus mill-cash. Mill-provi jirrizulta ukoll li f'gurnata meta t-turnover kienet zgur kellha tkun aktar minn €302 instabu biss €156. F'dik l-istess gurnata ir-reconciliation tat-turnover maz-Z reading kellha thalli €16 over, fatt li ma sehhx. F'dik il-gurnata l-imputata kienet xoghol u kienet hi li ghalqet il-gurnata u ghamlet ir-reconciliation. Jirrizulta ukoll li kien hemm istanzi meta l-imputata kienet tistqasi lill-kollega taghha Louise Pisani biex taghmel tibdil fir-reconciliation li tkun saret u dan b'l-iskuza biex il-handwriting ikun taghha u kienet titlobha ukoll biex tikkopja il-karta tar-reconciliation.

Illi jirrizulta li ukoll kien hemm xi impjegati ohra minbarra l-imputata li kellhom access ghall-void button. Pero aktar minn hekk irrizulta li l-kancellament tal-cash sales kienu jsiru biss fil-granet meta tkun xoghol l-imputata u li fil-hanut f' Ta' Sliema l-kancellamenti saru biss f'l-unici hamest ijiem li hadmet hemm l-imputata. Wiehed lanqas ma jista' jinsa li kienet l-imputata li kienet titlob lil shabha biex tkun hi li taghlaq il-gurnata.

---

[3] Ref Pulizija vs Emanuel Seisun Appell Kriminali deciz 09.08.1998.

[4] Ref R vs Taylor 21 CRIM App R 21.

[5] Ref Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader deciza 09/06/1998 b'referenza ghall dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet 'Teper v The Queen*' [1952]AC 480, 489*.

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn il-provi jistghu iwassal ghall-konkluzzjoni wahda biss u cioe li kienet l-imputata li kienet qed tikkancella l-cash sales u zzomm ghaliha l-import ta' dawn il-cash sales.

Illi ghal kull bon fini u b'referenza ghall-ammont misruq ghandu jigi rilevat li giet prezentata print out tal-cash sales li gew ikkancellati; din il-lista tinkludi cash sales li gew ikkancellati minn Gunju sa' Awissu u tirreferi ghal kancellamenti li saru fil-hanut ta' San Gwann. Ir-rendikont li sar biex juri l-ammont totali li nsteraq jiehu in konsiderazzjoni l-cash sales kancellati anke f' Mejju mill-hanut ta' San Gwann u l-cash sales kollha li gew ikancellati fil-hanut f'Ta' Sliema. Peress li l-ahjar prova ta' kemm gew ikancellati cash sales u l-valur ta' kull cash sale kancellata hija l-print out mis-sistema, u peress li l-print out esebita tirreferi biss ghax-xhur ta' Gunju Lulju u Awwissu b'referenza ghall-hanut ta' San Gwann il-Qorti tista tiehu dawn l-ammonti biss in konsiderazzjoni.

Illi konsegwentementi l-imputazzjoni miguba kontra l-imputata tirrizulta sodisfacjentment pruvata b'dan li l-ammont li mill-atti processwali jirrizulta misruq huwa ta' sitt elef sebgha mija u hmistax Euro u erbgha u disghin centezmu (€6,715.94).

Illi dwar il-piena l-Qori hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata min-naha u min-naha l-ohra l-fedina penali netta taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputata biex thallas lill-parte leza Daniel Coppini s-somma ta' sitt elef sebgha mija u hmistax Euro u erbgha u disghin centezmu (€6,715.94).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinaarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**